

# Malta Missjunarja

# KATERI

Għad tiġi ġurnata, forsi mhux fil-bogħod, meta tfajla Indjana tar-razza Mohawks tkun mgħollija mill-Knisja għall-unuri tal-Altar. Dak in-nhar, lil din it-tfajla nibdew insejħulha Santa Kateri TEKAKWITHA. Milli jidher, hawn Malta, ftit li xejn nafu fuqha, għalhekk jidhirli li tkun ħaġa tajba jekk wieħed jagħti fil-qosor xi ħjiel fuqha, bit-tama li dan iservi mhux biss ħalli din il-'ĠILJU TAL-MOHAWKS' tkun aktar magħrufa fostna, imma wkoll biex wieħed japprezza u jgħin aktar il-Missjonijiet.



Kateri Tekakwitha kienet twieldet min missier pagan u omm nisranija fl-1656 ġo OSSERNENON, ftit mili bogħod minn fejn il-lum hemm Albany N.Y. Omm Kateri, Kahenta, għalkemm nisranija, iżda qatt ma ġiet imħollija tgħammed liż-żewġ uliedha. B'dan kollu, ta' omm tajba li kienet, għallmithom jitolbu, u forsi kien dan it-talb li aktar il-quddiem akkwista għal-Kateri l-grazzja tal-Magħmudija.

Waqt imxijja ta' marda kerha li għaddiet minn fuq ir-raħal, mill-familja tagħha hi biss baqgħet ħajja. Missierha, ommha u ħuha mietu meta hi kellha biss erba' snin. Tbajja koroħ, effett ta' din il-marda, baqgħu jidru fuq wiċċha sa ma mietet. Issa li sabet ruħha ltima, ġiet fdata f'idejn zijitha biex trabbiha. It-tfal bniet tampar Kateri kienu jħobbu jiżżejnu u jilbsu sabiħ, xaharhom immaljat, wiċċhom miżbugħ, u kullani ta' żibeġ ikkulurit madwar għonqhom. Tekakwitha kienet waħda minnhom, taħdem u tilgħab bħal kull tifla oħra IROQUIS. Aktar ma bdiet tikber, aktar saret tinqala biex issajjar u tħit. Zijietha kienu jinkoraġġuha biex tiżżejjen u tidher sabiħa, bil-ħsieb li jżewġuha. Xbejba li tibqa fuq l-ixkaffa, dawn in-nies l-anqas kienu joħolmuha! Biss, Kateri kellha ħaġa kontra tagħha . . . id-dawl ta' għajnejha! Ma tantx kienet tara tajjeb. Aktar il-quddiem f'ħajjitha, Kateri waqt li baqgħet dejjem jisgħobbiha għal dawk l-vanitajiet żagħar ta' tfulitha, iżda mill-banda l-oħra kienet tirringrazzja l-Alla tat-tbajja li kellha f'wiċċha u għan-nuqqas ta' dawl f' għajnejha, għax b'hekk l-ebda ġuvni ma kien jitħajjar għaliha. B'dan kollu, ħafna kienu dawk li ma qatgħux jieshom. Iżda Kateri żammet iebes, tant li minħabba l-inġieba tagħha sabet ruħha mhedda li titlef anke ħajjitha. Ir-risposta tagħha kienet sempliċi . . . iżżid fit-talb lil RAWENNIIO, alla tal-bojod, kif kienet għalmitha omma u Anastasia, mara twajba oħra. Wara żmien, il-Mohawks marru joqogħdu CAUGHNAWAGA. Hawnhekk, kitbret fiha t-tama li fl-aħħar tiltaqa' mar-raġel 'tas-suttana sewda' ħalli jgħammidha. Meta kellha dsatax-il sena, wasal fir-raħal Fr. James de LAMBERVILLE, missjunarju ġiżwita. Issa kien il-mument għal Kateri, hi li qatt ma fittxet il-pjaċiri tad-dinja, hi li kienet żgura minn fehmitha u taf xi trid, issa, avolja mistħija, talbitu jsawwab fuq rasha l-ilma tal-magħmudija. Wara li Fr. Lamberville stħarriġha sewwa, ħaġa waħda dehritlu ċara, li din it-tfajla li ċ-ċirkostanzi ta' ħajjitha rrendewha waħedha, bla post fiż-żgur, bla ħadd li jħobbha, issa, sa fl-aħħar, sabet lil Dak li Hu biss seta' jimlilha qalbha.

Ħadd il-Għid 1676 kien il-jum magħżul għal-magħmudija tagħha. L-isem magħżul kien jixirqilha, Katerina jew Kateri, għal dik ix-xebba l-oħra fil-bidu tal-Knisja, li anke hi, fil-fidi tagħha ikkonfondiet 'l dawk li ppersegwitawha. Issa, li tgħammdet, għajnejn in-nies tar-raħal kienu kollha mixħutin fuqha. Tgħid kienet se tmissha l-istess xorti li misset, żmien qabel, fl-istess post, lil missjunarji martri San Iżakk Jogues u sħabu? Zijuha ONSEGONGO għamel ħiltu kollha kontriha, ħallewha bil-ġuħ, bagħtu rġiel fis-sakra jittantawha, u meta dawn l-affarijiet ma rnexxewx, akkużawha quddiem il-Missjunarju bi ħwejjeġ koroħ. Tant kien tqil u iebes il-Kalvarju tagħha, li fl-aħħar bil-għajnuna tal-Missjunarju telqet għall-vjaġġ ta' madwar 300 mil li fl-aħħar wasalha fil-Missjoni ta' S. Franġisk Saverju, fuq ix-xmara St. Lawrence. Kienet il-ħarifa tal-1677 meta waslet, magħha kellha ittra ta' rakkomandazzjoni minn Fr. Lamberville li kienet tgħid 'Qiegħed nafdalek teżor, ħarsu tajjeb'! Għamlet l-ewwel tqarbina nhar il-Milied tal-1677 u nhar il-25 ta' Marzu 1679, festa tal-Annunzjoni, Kateri kienet l-ewwel tfajla Indjana li ntrabtet bil-vot tal-Verġnità. Is-sena li kien fadlilha ħajja, għaddietha fil-ġabra u fit-talb, tieħu ħsieb grupp ta'tfajliet li msaħħrin mill-eżempju tagħha, ingħaqdu magħha f'ħajja komuni.

Iżda t-tmiem ma kienx fil-bogħod. Damet sitt xhur tbati b'uġieh kbir r'rasha u fl-istonku, b'deni qawwi tiela u nieżel, tant li ħalliha bla saħħa f'qiegħ ta' sodda. Qalb tant tbatija, tant kienet tidher kuntenta, għax taf li qiegħda tbati għal Dak li hi tant kienet tħobb.

Nhar l-Erbgħa 17 ta' April, fil-ġimgħa l-Kbira tal-1680, Kateri talbet l-aħħar Sagramenti. Irċeviethom bl-akbar imħabba, u baqgħet f'sensieha sa l-aħħar. Fit-tlieta ta' wara nofs in-nhar instemgħet tgħid 'ĠESU'!' 'MARIJA!' INĦOBBKOM!' u mietet. F'dawn l-aħħar kelmiet tagħha, hemm miġbura ħajjitha kollha. Kif mietet, wiċċha deher imdawwal, u aktar min hekk, id-dbajja kienu għebu!

Din hija l-istorja li jista' jifhimha kullħadd, ta' kif Alla jsawwar erwieħ qaddisa ta' eżempju fi żmienhom u anke għaż-żmienijiet kollha. Il-Venerabbli Kateri Tekakwitha hi waħda minnhom.

*Joseph Tonna.*

**HAĠA SABIĦA**

**X'ħaġa sabiħa tgħin sabiex ruħ oħra fil-Missjoni, permezz tal-Magħmudija, tidħol fil-Knisja ta' Kristu! Għal kull riskatt ta' tarbija, bl-isem li trid int, offri 2s. 6d.**

## Ċentinarju Ta' L-Isqof Shanahan

Joseph Shanahan twieled mitt sena ilu, fis-6 ta' Ġunju, 1871, f'Tipperary, fl-Irlanda. Studja taħt il-Patrijiet 'Holy Ghost Fathers' fi Franza, u sar saċerdot fl-Irlanda fl-1900. Sentejn wara telaq bħala missjunarju fin-Niġerja, fejn dam 3 snin jaħdem f'kundizzjonijiet mill-aktar primittivi. Fl-1905 sar Prefett Apostoliku fis-South Nigeria. Ħa ħsieb sewwa ta' l-Ikos, u bena ħafna skejjel. Sa 7 snin wara kien waqqaf skejjel f' 50 belt. Ġie kkonsagrat Isqof fl-1920. Wieħed mis-Saċerdoti li ħadmu miegħu kien Fr. Whitney, fundatur tas-St .Patrick's Missionary Society. L-Isqof Shanahan innifsu huwa l-fundatur tas-Sorijiet "Medical Missionaries of Mary". Fl-1927, peress li beda jonqsu d-dawl, qala li jkollu lil Mons. Charles Heeray bħala Isqof-Koadjutur. 4 snin wara Mons. Shanahan kellu jirreżenja. Miet Nairobi fl-1943, u jinsab midfun fil-Kattidral ta' Onitsha fin-Niġerja.

Meta l-Isqof Shanahan kien mar fin-Niġeria fl-1902 il-Kattoliċi tas-South Nigeria kienu biss 1,488. Fl-1932 kienu 110,049. L-iskejjel minn 24 saru 1,386, u t-tfal minn 2,057 telgħu sa 30,390. Fl-okkażjoni taċ-ċentinarju ta' twelidu saret Konċelebrazzjoni solenni, taħt il-presidenza ta' l-Isqof Murray C.S.Sp. fil-Kattidral ta' Onitsha. Saru wkoll ċelebrazzjonijiet f'Owerri u f' Enugu.

**BILJETTI TAL-LOTTERIJA NAZZJONALI**

**Jekk tixtri biljett tal-Lotterija Nazzjonali, ixtrih mill-Uffiċċju Missjunarju. Tkun qiegħed tgħin il-Missjoni.**

**(Ikompli minn paġ. 15)**

tolika tal-pajjiz. Barra mill-ġurnali li waqqaf fil-Polonja u fil-Ġappun, "Il-Kavalier tal-Immakulata" joħroġ bl-Ingliz, bit-Taljan, bl-Ispanjol, bil-Ġermaniz u b'ilsna oħra wkoll.

Il-Bejatu Kolbe ħadem personalment bla tarf u għadu jaħdem permezz tas-suċċessuri tiegħu għall-glorja t'Alla u ta' Marija għall-ġid tal-erwieħ mifdijin bid-Demm ta' Kristu.

*J. G. C.*

**IĠBRU BOLLI!**

**Bil-bolli wati jsir ħafna ġid għall-Missjoni. Iġbrulna minnhom kemm tistgħu u ibagħtuhomlna fl-Uffiċċju Missjunarju, il-Belt. Itolbu lil ħaddieħor jiġbor ukoll.**

**VINCENZO VELLA**
161, 162, ST. LUCIA STREET — VALLETTA
Dealers in Priests' hats and collars,
Men's and Boys' shirts, underwear, etc.
*AT VERY MODERATE PRICES*